MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2475/1999/1

**Emanuel Cutajar**

**vs**

**Doris Cutajar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tal-11 ta’ Novembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta’ Marzu 1980;
Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba sevizzi gravi, ngurji, abbandun u theddid kommessi da parti tal-konvenuta, minhabba li l-konvenuta

abbandunat il-familja totalment minhabba l-vizzju tax-xorb, u kif ukoll minhabba inkompatibbilta` ta' karattru;

Illi miz-zwieg twieldu tliet itfal, pero` tnejn minnhom ghadhom minuri *ossia,* Ryan, ta' tlettax-il sena (13) u Rutgar ta' seba` snin (7);

Illi l-attur gie debitament awtorizzat skond digriet tas-Sekond' Awla ta' l-4 ta' Novembru 1999, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok. "A", biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Illi l-istess attur talab lill-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Ryan u Rutgar tigi fdata f'idejn l-attur;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet *applicando* kontra l-konvenuta, is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta, bin-nomina *occorrendo* ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u *occorrendo* ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

4. Tikkundannaha sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus u fin-nuqqas, tigi kkundannata thallas lill-attur, il-valur taghhom kif jigi likwidat *occorrendo* permezz ta' perit nominand.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process u l-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenuta jisimha Dolores maghrufa bhala Doris nee` Bonavia Cutajar;

2. Illi fit-tieni lok, l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha biss it-tifrik taz-zwieg ghandu jkun imputabbli lill-attur kemm a bazi ta’ l-**artikolu 40, tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll a bazi ta’ l-**artikolu 38 tal-Kodici Civili,** u cjoe` minhabba l-adulterju ma’ diversi nisa da parti ta’ l-attur, partikolarment ma’ wahda jisimha Doris Lija, mart Joe Lia, kif l-istess konvenuta tfisser fid-dettal fil-mori ta’ din il-kawza, specjalment fil-kontro-talba;
3. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda, minhabba illi l-attur dejjem wera ruhu rresponsabbli fir-rigward tat-tfal kollha, u sal-gurnata ta’ llum meta ghad baqa` zewgt itfal minuri, u cjoe` Ryan li dalwaqt jaghlaq erbatax-il sena (14) u Rutger li dalwaqt jaghlaq tminn (8) snin. Illi barra minn dan, fl-4 ta’ Novembru 1999, sebat (7) ijiem qabel illi l-minuri kellhom jigu fdati fil-kura u kustodja tal-konvenuta, ommhom u dan kif jirrizulta mid-digriet numru 1455/99, ta’ l-4 ta’ Novembru 1999, rilaxxat mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili. Illi l-konvenuta taghmel riferenza ghat-talba relatata ma’ din l-eccezzjoni fil-kontro-talba taghha f’din il-kawza odjerna;

4. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi deciza fid-dawl tat-talbiet tal-konvenuta ma’ din ic-citazzjoni odjerna;

5. Illi r-raba` talba ghandha tigi deciza fid-dawl tat-talbiet tal-konvenuta ma’ din ic-citazzjoni odjerna;

6. Illi *in linea* preliminari jigi pero` ssollevat in-nullita` tac-citazzjoni peress illi ma hemm assolutament ebda differenza bejn il-premessi u d-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, kontra dak li tispecifika l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, fis-sens illi d-dikjarazzjoni guramentata ghandha jkun fiha almenu xi fatti li jiggustifikaw l-intavolar ta’ citazzjoni fejn hemm talba ghall-firda legali, skond kif inhuwa l-kaz odjern;

7. Illi fic-cirkostanzi l-konvenuta m'ghandhiex tbaghti ebda forma ta' spejjez, la gudizzjarji u anqas extra-gudizzjarji li ghandhom jigu sopportati kollha mill-istess attur, zewgha;

8. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 14 sa 18 tal-process.

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta a fol. 19 tal-process fejn ippremettiet illi:-

Illi l-istess konvenuta hija debitament awtorizzata li tipprocedi ghall-firda legali minn ma' zewgha l-attur wara rikors li hija kienet intavolat nhar l-20 ta' Awissu 1999.

Illi b'digriet li jgib in-numru 1455/99, il-konvenuta fl-4 ta' Novembru 1999, kienet inghata l-awtorizzazzjoni biex tipprocedi ghall-firda minn ma' zewgha u fl-istes waqt permezz ta' ftehim bejn il-kontendenti, konjugi, Cutajar li sar nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru 1999, kien sar qbil li t-tfal tibqa' tiehu hsiebhom ommhom, bil-patt ukoll illi zewgha jivversalha retta alimentari ta' sittin lira Maltin (Lm60) fil-gimgha.

Illi l-attur ghandu negozju f'hanut li jismu Tequilla Bar li jinsab f'Kent Street gewwa l-Fgura u li ghalhekk jigi li l-istess attur jahdem ghal rasu.

Illi l-konvenuta qeghda tirreferi ghall-**artikolu 37 tal-Kodici Civili** u qeghda tutilizza dak l-artkolu biex issa wkoll hija qed taghmel il-kontro-talba taghha.

Illi l-konvenuta qeghda taghmel riferenza ghall-eccezzjonijiet taghha u ghad-dikjarazzjoni guramentata taghha, u a bazi ta' dan u provi ohra li jirrizultaw fil-mori tal-kawza, hija qeghda tissottometti dawn id-diversi talbiet.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet lill din il-Qorti sabiex:-

a. Tigi dikjarata s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti Cutajar, abbazi ta' l-**artikolu 35 tal-Kodici Civili,** b'tort unikament imputabbli lill-attur minhabba l-adulterju tieghu u ragunijiet legalment fondati ohra a bazi ta' l-**artikolu 40 tal-Kap 16;**

b. Din il-firda personali moghtija b'sentenza, ghandha jkollha bhala konsegwenza t-tmiem ta' l-effetti kollha civili bejn il-konjugi Cutajar, inkluz l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien;

c. L-attur kien hati bi vjolazzjoni ta' l-**artikolu 38 tal-Kodici Civili**, ma' diversi nisa nkluz Doris, mart Joe Lija, u Mary Muscat;

d. L-attur ivvoljixxa l-**artikolu 40 tal-Kodici Civili** kemm fil-konfront ta' martu, l-konvenuta, kif ukoll tat-tlett (3) uliedu jew minn min minnhom;

e. Il-hajja flimkien bhala mizzewgin m'ghadhiex aktar possibbli bejn il-konjugi Cutajar, tama ta' rikonciljazzjoni m'hemmx u llum dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

f. Id-dar taz-zwieg li tinsab sitwata fil-fond maghruf bl-isem "Salvina", numru sittin (60), Carmel Street, gewwa l-Fgura, ghandha ssir ir-residenza tal-konvenuta biss flimkien ma' dawk minn uliedha li ghadhom maghha u dan fl-interess ta' l-istabilita` fil-hajja tal-konvenuta u ta' uliedha;

g. It-tfal minuri f'din il-kawza ghandu jkollhom ir-rapprezentanza taghhom fdata f'idejn ommhom il-konvenuta, bhalma l-kura u kustodja taghhom ilha formalment hekk fdata sa mill-4 ta' Novembru 1999, u dan skond kif anke jindikaw id-dokumenti esebiti ma' l-elenku tad-dokumenti u ndikati bhala Dok. "DC1" u "DC2";

h. Il-konvenuta ghandha tinghata retta alimentari xierqa skond il-bzonnijiet taghha, kemm ghaliha kif ukoll ghall-ulied minuri, u dan meta jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi kollha;

i. Il-kura u l-kustodja u l-hsieb tat-tfal minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenuta u dan peress dan ikun l-ahjar konsiderazzjoni fl-interess tal-gid ta' l-istess ulied;

j. Ghandu jkun applikat **artikolu 48, sub-artikolu 1, paragrafi (a), (b), (c) u (d)** a favur tal-konvenuta u kontra l-attur, u dan tal-**Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

k. Il-Qorti tutilizza d-diskrezzjoni taghha fl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili;**

l. Ghandu jkun applikat favur il-konvenuta u kontra l-attur l-**artikolu 54 tal-Kodici Civili** dwar l-obbligu tal-manteniment, **sub-artikolu (1) sas-sub-artikolu seba` (7)**, fid-dawl tal-proviipprezentati fil-mori ta' din il-kawza;

m. Ghandha tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti a bazi ta' l-**artikolu 55, sub-artikoli (1) sa (3) tal-Kodici Civili**, fid-dawl tal-provi mressqa mill-kontendenti, konjugi Cutajar;

n. Ghandha tkun assenjata lill-konvenuta d-dar taz-zwieg fid-dawl ta' l-**artikolu 55a tal-Kodici Civili, Kap 16** b'mod li l-attur ghandu jigi ordnat li jallontana ruhu mid-dar konjugali fi zmien qasir u perentorju skond kif tordna din l-Onorabbli Qorti;

o. Fid-diskrezzjoni taghha, il-Qorti tapplika l-effetti ta' l-**artikolu 56 u 57 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll **is-sub-artikolu (1) u (2) ta' l-artikolu 60 ta' l-istess Kap 16** u dan dejjem fejn jidhlu l-interessi ta' l-ulied minuri wara t-thabbir tal-firda legali bejn il-kontendenti konjugi Cutajar, il-genituri taghhom;

p. Il-kontendenti konjugi Cutajar ghandhom jitilfu d-dritt li jirtu lil xulxin, jekk dan ikun l-intenzjoni taghhom a bazi tas-**sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 60 tal-Kodici Civili;**

q. Il-konvenuta, Cutajar Dolores, trid li tutilizza l-effetti tas-**sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Civili** u wara s-separazzjoni, l-konvenuta qeghda taghzel li tirreverti ghal kunjom xbubitha, *ossia* Bonavia, b'mod illi wara s-separazzjoni l-konvenuta tkun maghrufa bhala

Dolores Bonavia, u f'dan is-sens, din it-talba ghandha tirrispekkja s-**sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 62;**

r. Din il-Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega li fid-diskrezzjoni taghha jidhrilha opportun illi taghti fid-dawl tat-talbiet tal-konvenuta f'din il-kontro-talba;

s. Il-konvenuta m'ghandha tbaghti ebda forma ta' spejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji li ghandhom ikunu kollha a karigu ta' l-attur minhabba li dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment b'tort unikament tieghu.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarju u extra-gudizzjarji, kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti tal-konvenuta (a fol. 25);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta (a fol. 36) fejn gie eccepixxa illi:-

1. L-esponent jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali pero` minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta diga` premess fic-citazzjoni;

2. L-esponent jopponi ghat-talba (f) tal-kontro-talba peress illi d-dar imsemmija hija propjeta` parafernali tieghu provenjenti minn wirt;

3. L-esponent jopponi ghat-talba (g) rigwardanti kura u kustodja peress illi l-konvenuta m'hijiex il-persuna idoneja biex tiehu hsieb l-ulied minuri;

4. L-esponent ma jopponix ghat-talba (h) sakemm din il-Qorti, meta tigi biex tiffissa tali manteniment, tiehu in konsiderazzjoni il-mezzi ta' l-esponent u l-kapacita` tal-konvenuta li tahdem;

5. L-esponent jopponi ghat-talbiet (j) sa (p) *stante* li l-artikoli msemmija ghandhom jigu applikati kontra l-konvenuta u mhux kontra l-esponent;

6. L-esponent ma jopponix ghat-talba (q);

7. L-esponent jopponi ghat-talba (s) rigwardanti l-ispejjez *stante* li z-zwieg sfaxxa minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda (a fol. 35 u 26);

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, tat-22 ta’ Mejju 2000 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Assistent Gudizzjarju; tat-22 ta’ Novembru 2000; u tat-13 ta’ Frar 2001;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 16 ta’ Awissu 2001 fejn permezz taghha esebixxa zewg affidavits, tieghu stess u ta’ Ritienne Cutajar; u tat-18 ta’ Settembru 2001;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 1 ta’ Ottubru 2001 a fol. 59 tal-process;

Rat l-avviz tas-7 ta’ Jannar 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu 2002; tat-8 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita sine die;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 11 ta’ Ottubru 2002 fejn talab li l-kawza tigi rikjamata;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien erbghin (40) gurnata;

Rat ir-rikors ta’ l-attur tat-23 ta’ Ottubru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tordna lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa seduta wahda ghall-provi tal-konvenuta;

Rat in-nota tal-konvenuta tal-21 ta' Jannar 2003 (a fol. 75) fejn permezz taghha pprezentat tlett (3) affidavits, ta' Mary Bondin, ta' Ritienne Cutajar u ta' Doris Cutajar;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2003; tat-2 ta' Ottubru 2003; u tat-12 ta' Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 28 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 13 ta' Jannar 2004 fejn talab li l-kawza tigi differita ghal data iktar vicina;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### PROVI PRODOTTI.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni personali maghmula mill-attur kontra martu, li minn naha taghha pprezentat kontro-talba ghad-dikjarazzjoni ta' l-istess separazzjoni u talbiet ohra relattivi, li pero' hafna minnhom huma superfluwi u esegerati, kif serjigi ndikat aktar quddiem f'din is-sentenza.

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Marzu 1980, u l-**attur** gja kellhu tifel minn zwieg iehor bl-isem ta' Kreaton, liema minuri gie mrobbi minn huh Carmelo Cutajar u martu Patricia Cutajar. Il-kontendenti kellhom tlett itfal, Ryan li llum ghandu sbatax-il (17) sena, Ritianne li llum ghandha *circa* tlieta u ghoxrin (23) sena u Rutger li ghandu hdax-il sena (11). L-attur jallega li martu ma kinitx kapaci tikkontrolla lil uliedha peress li kienet alkoholika u jidher li qam disgwid ukoll meta ibnu Kreaton beda jghix maghhom. Skond l-attur is-sitwazzjoni ma setghetx tibqa' hekk anke wara li jallega li martu kecciet lil istess ibnu mid-dar u fil-fatt dan qatt ma rritorna u beda jghix ghal rasu. L-attur mar lura d-dar pero' jammetti li beda

relazzjoni ma' mara ohra skond huwa *"sabiex nipprova insib lil xi hadd biex irabbih u jiehu hsiebu".*

Illi jghid li l-inkwiet baqa' ghaliex l-istess maru kienet tkun xurbana meta kien jirritorna d-dar; biddel ix-xoghol tieghu u mar jahdem go fabbrika, izda wara erba' (4) xhur ha hanut sabiex ikollu paga ahjar, it-Tequila Bar gol-Fgura. Jghid li ha self ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000), u l-mara kienet tigi hemm u tibqa' hemm sal-5.00.a.m. Minhabba dan, Ritienne telqet mid-dar meta kellha tmintax-il sena (18). Martu ghamlet il-kors ta' Sedqa izda s-sitwazzjoni baqghet l-istess. Jghid li minhabba f'hekk kellu jitlaq mix-xoghol sabiex jiehu hsieb it-tfal. L-attur jghid li l-hanut kien ghandu b'kuntratt ta' kera ghal hames snin u dan ghalaq fit-13 ta' Lulju 2000 u qal li ma setax izzommu ghaliex gholiet il-kera u wkoll minhabba l-problema tat-tfal.
Illi fil-fatt **Manwel Mangani,** mill-Agenzija Sedqa kkonferma li l-istess konvenuta kellha problema ta' xorb li huwa sar jaf biha f'Marzu ta' l-1998 u attendiet kors sa Novembru 1998, izda giet imwaqqfa mill-Agenzija milli tkompli ghaliex skond l-istess xhud *"rajna li l-atteggament taghha ma kienx tajjeb u dana fis-sens li ma kinitx tiehu is-servizzi bis-serjeta' bizzejjed."*

Illi minn naha taghha l-**konvenuta** tghid li l-inkwiet beda wara xi tlettax-il sena meta saret taf li l-attur kellu relazzjoni ma' mara ohra. Tghid li anke wara li ha l-hanut tax-xorb l-istess attur kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra, tant li tghid li kien jidhol id-dar bil-lejl jew xejn. Kien ammetta maghha li kellhu relazzjonijiet ma' nisa ohra, izda wara xahrejn kien gie lura d-dar – tghid li r-ragel baqa' jaghmel l-istess, tant li kien jghidilha li kellu bzonn *"jinqeda' minn band'ohra".* Tghid li minhabba f'hekk waqghet f'dipressjoni, naqset hafna mill-piz u wara li r-ragel waqaf itiha manteniment kellha tghix bl-assistenza socjali. Kien jinsulenta u tghid li kien iqabbad lil uliedha stess sabiex joffenduh u fil-fatt dwar dan hemm lista shiha skond l-affidavit taghha datat 21 ta' Jannar 2003.

Illi hija zid tghid li minhabba f'hekk hija bdiet tixrob. Tghid li ghamlet il-kors s-Sedqa u ma komplietx ghaliex ma

kellux effett fuqha, l-iktar ghaliex meta tmur lura d-dar kien ikun il-glied ma’ l-attur. Tghid li qatghet ix-xorb meta marret toqghod ma’ ommha tant li anke kienet tahdem *part time* mit-18 ta’ Gunju 2001 u hekk kienet tahdem meta xehdet fis-sena 2002. F’Marzu 2002 regghet marret tghix fid-dar konjugali mat-tfal u l-attur ma kienx ghadu joqghod hemmhekk u ma tafx fejn jghix. Hija ghadha tghix fl-istess dar flimkien ma’ uliedha u marret tahdem hija. Tghid li l-istess zewgha llum qabel li hija tghix fl-istess dar flimkien ma’ uliedha.

Illi l-istess attrici tirrakonta grafikament skond hija l-vendikazzjonijiet li kienu jsiru fuqha mill-attur fosthom tghajjir kontinwu, jahbilha l-ikel, jaqla’ t-*television* u jahbi l-*video* tant li minhabba dan hija kienet kostretta titlaq mid-dar. Marret ghand ommha u bdiet tahdem. Tghid li llum is-sitwazzjoni hija differenti u qed tghix fil-paci u l-attur jigi jara t-tfal fid-dar fejn qed toqghod.

Illi **Ritienne Cutajar**, bint il-kontendenti u li ghandha tlieta u ghoxrin (23) sena, *circa* tghid li ommha kellha problema ta’ xorb; hlief ghax-xorb tghid li ommha kienet omm ezemplari – izda meta tixrob kienet issir aggressiva u tghid li l-genituri taghha sseparaw minhabba dan il-fatt. Fl-affidavit taghha datat 21 ta’ Jannar 2003 tghid li mill-ahhar darba li xehdet hija tkellmet ma’ ommha u din qaltilha li hija kienet xorbot peress li missierha kien bidilha ma’ mara ohra. Hija llum tghix ma’ ommha stess u tghid li tghix kuntenta u ferhana ma’ ommha u hutha, u l-missier jigi jzurhom.

Illi **Mary Bondin**, oht l-konvenuta ssostni li saret taf li l-konvenuta kienet qed tixrob meta cemplitilha Ritienne; haditha ghand l-Agenzija Sedqa u waqt dawn is-sezzjonijiet li ghalihom l-istess xhud kienet prezenti wkoll semghet lill-konvenuta tghid bil-problemi li kellha minhabba li l-attur kien mar ma’ mara ohra. Pero’ xorta wahda dan ma rnexxiex u kien biss wara li l-istess konvenuta qatghet mix-xorb wara li accettat is-sitwazzjoni li kienet sabet ruhha fiha minhabba zewgha, u wkoll bl-appogg tal-familjari taghha.

Illi dwar id-dar matrimonjali 147 (gja 60) Carmel Street, Fgura din thalliet lill-omm l-attur, Salvina Cutajar, b'testment tal-konjugi Giuseppe u Maria Falzon, datat l-istess att 5 ta' Marzu 1960 permezz ta' klawsola sitta (6) ta' l-istess. Meta mietet omm l-attur dan interit minn uliedha inkluz l-attur (b'kollox tmien ahwa). Il-konvenuta tghid li l-attur xtara sehem hutu b'elf lira il-wiehed. Pero' ma hemm l-ebda dokument li jissosstanzja dan.

Illi l-kamra tas-sodda, salott u kamra ta' l-ikel huma tal-komunjoni, waqt li kamra tas-sodda hija parafernali ghall-mara u dan skond l-affidavit ta' l-attur.

**<u>Apprezzament Tal-Provi.</u>**

Illi mill-kumpless tal-provi, li succint minnhom gie fuq espost f'din is-sentenza, din il-Qorti thoss u hija moralment konvinta, li dak li ta lok ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet kien l-adulterju kommess mill-istess attur, li huwa stess ammetta fix-xhieda tieghu; jirrizulta wkoll li f'dan ir-rigward ix-xhieda tal-konvenuta hija hafna iktar kredibbli minn dik ta' l-attur, tant li l-attur mhux biss huwa hati *verso* l-konvenuta ta' adulterju izda talli huwa wkoll tratta lill-konvenuta b'mod konsistentment aggressiv u bla rispett u dan fi zmien wara li hija saret taf bl-istess relazzjonijiet extra-maritali ta' l-attur fejn, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kien ukoll hati *verso* l-konvenuta ta' ngurji gravi, b'hafna tghajjir dispreggativ fil-konfront taghha, u mohqrija inkluz ukoll wkoll vendikazzjonijiet fosthom li jahbi lilha diversi affarijiet, anke ikel u affarijiet essenzjali, inkluz li jimpediha li tara naqra *television* u li tuza' l-*video*.

Illi huwa veru li l-istess konvenuta ghaddiet minn zmien hazin ferm f'hajjitha fejn sfortunatament irrikorriet ghax-xorb, u jidher li damet sew biex helset minn tali vizzju, izda dan jidher li gara *stante* li jirrizulta li hija ma kinietx kapaci taccetta li zewgha kien bidilha ma' mara ohra – hija tghid anke nisa ohra – bil-konsegwenza li jidher li f'dan il-perjodu ikrah ta' din il-familja, baghtiet il-familja kollha. Ma jidhirx li l-attur ghen wisq f'din is-sitwazzjoni peress li

waqaf mix-xoghol, (huwa jghid biex jiehu hsieb it-tfal) u ma baqax imantni lill-konvenuta.

Illi jidher li l-konvenuta marret issib l-ghajnuna anke ghand l-Agenzija Sedqa, li hija stess waqfet lill-konvenuta milli tkompli l-kors peress li ma hassewx li l-istess konvenuta kienet qed tiehu l-istess kors bis-serjeta'; izda dak li kien qed jigri kien li meta tmur id-dar kienet issib l-istess inkwiet ma' zewgha u b'hekk kienet terga tinfexx fix-xorb biex tinsa' u jidher li b'dan il-mod tilfet il-kontroll taghha – kien biss meta sabet il-kuragg u telqet mid-dar konjugali u marret xi zmien tghix ma' ommha li hija ghelbet din is-sitwazzjoni, anke bl-ghajnuna ta' ohta, u llum-il gurnata ma ghadhiex tbaghti minn din il-kondizzjoni.

Illi din il-Qorti minkejja dan kollu, thoss li dak li wassal lill-partijiet ghas-separazzjoni personali kien biss l-agir ta' l-istess attur kemm minhabba adulterju u kemm minhabba li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' servizzi, ngurji gravi, mohqrija u theddid u minhabba ta' l-istess agir, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment.

Illi ghal dak li hija kura u kustodja ta' Rutgar Cutajar, peress li llum huwa biss ghadu minorenni (twieled fil-21 ta' Ottubru 1992) din ghandha tigi fdata f'idejn l-konvenuta, bi dritt ta' access liberu kif effettivament prattikat mill-attur u jidher li dwar dan hemm qbil bejn il-partijiet.

Illi dwar manteniment ghall-konvenuta u ghall-istess minuri jirrizulta li l-istess konvenuta ghandha dritt ta' manteniment ghaliha u ghal binha minuri minghand l-attur, li pero' llum m'ghandux impjieg, u jidher li huwa m'huwiex dispost li jahdem; qal li waqaf jahdem minhabba t-tfal u minhabba l-kondizzjoni ta' ommhom, kif fuq espost, pero' ma jidhirx li s-sitwazzjoni tbidlet minkejja l-fatt li fil-mori tal-kawza l-konvenuta solviet il-problema li kellha u l-istess uliedha kollha jghixu maghha u fil-fatt hija kellha tmur tahdem *part-time* sabiex tkun tista' tmantni lilha nfisha u lil uliedha. F'dan l-aspett dwar il-manteniment tal-konvenuta, din il-Qorti *in vista* tac-cirkostanzi tal-kaz ser tipprovdi f'din is-sentenza.

Illi minn naha ta’ l-attur qed jigu applikati kontra tieghu d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom, b’dan li l-istess attur qed jigi ddikjarat li ddekada mid-drittijiet kollha indikati fl-istess artikolu u ghalhekk iddekada mid-dritt ta’ manteniment minghand il-konvenuta.

Illi dwar l-pendenza ta’ alimenti hawn jinghad li l-istess attur naqas li jhallas il-manteniment *pendente lite* li kien degretat b’digriet tas-Sekond’Awla datat 4 ta’ Novembru 1999 (Digriet Numru 1455/99) u peress li jidher li tali digriet baqa’ veljanti, ghalhekk l-istess attur ghandu jaghti dawn l-arretrati kollha f’manteniment *pendente lite* – izda jirrizulta li l-attur ma jahdimx u ma jidhirx li dispost li jahdem ghalkemm ghandu tlieta u hamsin (53) sena.

Illi din il-Qorti thoss, li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tapplika d-dispozizzjonijiet ta’ **l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** b’dan li *per saldo* ghad-drittijiet kollha tal-konvenuta proprio ghall-manteniment minghand l-attur kemm *pendente lite* u kemm fil-futur, tassenja lill-konvenuta s-sehem kollu ta’ l-istess attur mill-fond 147 (gja 60), Carmel Street Fgura u wkoll l-mobbli kollha li hemm fl-istess dar formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet, b’dan li b’effett mid-data ta’ din is-sentenza kull sehem ta’ l-istess attur mill-istess fond u l-istess mobbli fuq deskritti qed jigu assenjati lill-konvenuta, b’dan ghalhekk li tali sehem mill-imsemmija mmobbli u l-istess mobbli formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti nkluzi l-kamra tas-sodda, is-salott, u l-kamra ta’ l-ikel jsiru b’effett mid-data ta’ din is-sentenza proprjeta’ ta’ l-istess konvenuta esklussivament, b’dan ukoll li l-istess konvenuta jkollha d-dritt tirrisjedi esklussivament fl-istess dar flimkien ma’ uliedha b’eskluzjoni ta’ l-attur.

Illi bhala beni parafernali jirrizulta li l-kamra tas-sodda l-ohra indikata mill-attur fl-affidavit tieghu datat 14 ta’ Awwissu 2001 hija proprjeta tal-konvenuta u ghalhekk din ghandha tibqa’ taghha.

Illi allura dak li jibqa’ bhala manteniment, illum huwa dak favur l-istess minuri Rutgar, li l-istess attur ghandu obbligu

li jmantni, u peress li l-istess attur illum ma jahdimx, tali ammont ta' alimenti ghall-minuri ma jistax jigi ffisat minn din il-Qorti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli mar-rizultanzi odjerni, u filwaqt li **tichad it-tieni u r-raba' talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss kif hawn premess u kif hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur konsistenti f'adulterju u kemm minhabba li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' servizzi, ngurji gravi, mohqrija u theddid u minhabba ta' l-istess agir *da parte* ta' l-attur iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment.

(2) Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Rutgar tigi fdata f'idejn il-konvenuta bi dritt ta' access liberu favur l-konvenut.

(3) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-20 ta' Awwissu 1999, u izda *in vista* ta' dak fuq deciz, tassenja l-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, konsistenti fil-mobbli fuq indikati u cjoe' f'kamra tas-sodda, salott, u kamra ta' l-ikel lill-attrici, sabiex flimkien ma' kull sehem li l-istess attur b'titolu ta' proprjeta' ghandu mill-fond numru 147 (gja 60), Carmel Street, Fgura, dan qed jigi assenjat lill-konvenuta *per saldo* ghad-dritt taghha ta' manteniment kontra zewgha, inkluz kull dritt taghha ghall-arretrati ta' manteniment, sabiex b'hekk bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni, flimkien ma' kull sehem ta' l-attur b'titolu ta' proprjeta' fl-immobbli imsemmija, anke jekk parafernali ghall-attur, jsiru b'effett ta' din is-sentenza u mid-data ta' din id-decizjoni proprjeta' esklussiva ta' l-istess konvenuta u dan kif inghad *per*

*saldo* ghal kull dritt ta' manteniment li hija ghandha kontra l-istess attur.

4. Tichad din it-talba anke *in vista* ta' dak li gie provdut in virtu' tat-tielet talba attrici hawn deciza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Ghar-rigward tal-**kontro-talba** din il-Qorti **taqta` u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-istess kontro-talba, **tilqa' t-talbiet tal-konvenuta fl-istess kontro-talba taghha** biss u fis-sens hawn premess u deciz, b'dan illi:-

(a), (b), (c), (d) u (e) Tilqa' l-ewwel hames talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha indikati bl-ittri (a) (b) (c) (d) u (e) b'dan li qed tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur konsistenti f'adulterju u kemm minhabba li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' servizzi, ingurji gravi, mohqrija u theddid u minhabba ta' l-istess agir *da parte* ta' l-attur iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment.

f. Tilqa' din l-talba b'dan li d-dar taz-zwieg li tinsab sitwata fil-fond maghruf bl-isem "Salvina", numru sittin (60), Carmel Street, gewwa l-Fgura, ghandha ssir ir-residenza tal-konvenuta biss flimkien ma' dawk minn uliedha li ghadhom maghha u dan fl-interess ta' l-istabbilita` fil-hajja tal-konvenuta u ta' uliedha, u dan bl-eskluzjoni ta' l-istess attur.

g. Illi tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Rutgar ghandha tigi fdata f'idejn l-konvenuta bi dritt ta' access liberu favur l-attur.

h. Illi l-konvenuta ghandha dritt ta' manteniment minghand zewgha, izda minhabba ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u *in vista* ta' dak fuq deciz bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** din il-Qorti qed tassenja l-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, konsistenti fil-mobbli fuq indikati u cjoe' f'kamra tas-sodda, salott, u

kamra ta' l-ikel lill-attrici, sabiex flimkien ma' kull sehem li l-istess attur b'titolu ta' proprjeta' ghandu mill-fond numru 147 (gja 60), Carmel Street, Fgura, dawn kollha qed jigu assenjati lill-konvenuta *per saldo* ghad-dritt taghha ta' manteniment kontra zewgha, inkluz kull dritt taghha ghall-arretrati ta' manteniment, sabiex b'hekk bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni, flimkien ma' kull sehem ta' l-attur b'titolu ta' proprjeta' fl-immobbli msemmija, anke jekk parafernali ghall-attur, jsiru b'effett ta' din is-sentenza u mid-data ta' din id-decizjoni, proprjeta' esklussiva ta' l-istess konvenuta u dan kif inghad *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment li hija ghandha kontra l-istess attur.

i. Tilqa' din it-talba u l-kura u l-kustodja u l-hsieb tal-minuri Rutgar ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenuta u dan peress dan ikun l-ahjar konsiderazzjoni fl-interess tal-gid ta' l-istess minuri;

j. Tilqa' din it-talba u tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48, sub-artikolu 1, paragrafi (a), (b), (c) u (d)** tal-**Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** a favur tal-konvenuta u kontra l-attur,

k. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex gja provdiet ghaliha fit-talba (j).

l. Illi tilqa' din it-talba u fid-dawl ta' dak premess din il-Qorti tapplika fil-konfront ta' l-attur id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kodici Civili** dwar l-obbligu tal-manteniment tieghu *verso* l-konvenuta, b'dan li *per saldo* ghad-drittijiet kollha tal-konvenuta proprio ghall-manteniment minghand l-attur kemm *pendente lite* u kemm fil-futur, tassenja lill-konvenuta s-sehem kollu ta' l-istess attur mill-fond 147 (gja 60), Carmel Street Fgura u wkoll l-mobbli kollha li hemm fl-istess dar formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, b'dan li b'effett mid-data ta' din is-sentenza kull sehem ta' l-istess attur mill-istess fond u l-istess mobbli fuq deskritti qed jigu assenjati lill-konvenuta, b'dan ghalhekk li tali sehem mill-imsemmija mmobbli u l-istess mobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti nkluzi l-kamra tas-sodda, is-salott,

u l-kamra ta' l-ikel jsiru b'effett mid-data ta' din is-sentenza proprjeta' ta' l-istess konvenuta esklussivament, b'dan ukoll li l-istess konvenuta jkollha d-dritt tirrisjedi esklussivament fl-istess dar flimkien ma' uliedha b'eskluzjoni ta' l-attur.

m. Din il-Qorti gja ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' l-20 ta' Awissu 1999 u dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti provdiet ukoll a bazi tat-talbiet l-ohra kemm fic-citazzjoni attrici u kemm fil-kontro-talba tal-konvenuta.

n. Tilqa' din it-talba anke *in vista* ta' dak li inghad fil-kuntest ta' l-applikazjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** u wkoll jinghad *per se* li l-istess konvenuta ghandha dritt ukoll skond l-**artikolu 55A tal-Kodici Civili, Kap 16** li tghix esklussivament fid-dar konjugali flimkien ma' uliedha, inkluz il-minuri bl-eskuzjoni ta' l-attur, kif qed jigri prezentament.

o. Illi l-kura u kustodja tal-minuri Rutgar qed tigi fdata f'idejn l-konvenuta b'dan li l-attur ghandu dritt ta' access liberu kif attwalment qed jigi prattikat mill-partijiet; *di piu* tafferma l-obbligu ta' l-attur li jipprovdi u jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu minuri, izda peress li l-istess attur ma jirrizultax li llum ghandu ntrojtu ma jista' jigi likwidat u fffisat l-ebda ammont ta' alimenti ghall-minuri f'din id-decizjoni, pero' tali dritt jibqa' veljanti jekk u meta l-attur jkollu xi forma ta' ntrojtu fil-futur.

p. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba u dan *in vista* ta' dak gja provdut bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront ta' l-attur.

q. Tilqa' din it-talba skond s-**sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Civili** u wara s-separazzjoni, l-konvenuta qeghda taghzel li tirreverti ghal kunjom xbubitha, *ossia* Bonavia, b'mod illi wara s-separazzjoni l-konvenuta tkun maghrufa bhala Dolores Bonavia u din il-Qorti qed taghti lill-konvenuta dan id-dritt minnha hawn mitlub li tirriverti ghal kunjom xbubitha.

r. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* li din ormai hija superfluwa.

s. Bl-ispejjez ta’ l-istess kontro-talba kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------